NEWSPAPER POST

# Il-Belt Victoria

Rivista maħruġa mill-Parroċċa ta' San Ġorġ • Għawdex

Novembru - Diċembru 2004

Nru 141



## Messaġġ ta' l-Arċipriet

***Insellmilkom, għeżież qarrejja ta' din ir-rivista, leħen il-Parroċċa tagħna.***

***Huwa dejjem ta' pjaċir għalija li nikkomunika magħkom li toqgħodu qrib tagħna jew li djarkom jinsabu xi ftit aktar 'il bogħod minna - x'imkien fil-gżejjer tagħna, u speċjalment magħkom li tgħixu f'artijiet imbiegħda bħalma huma l-Awstralja, il-Kanada, l-Istati Uniti, il-kontinent ta' l-Amerika t'isfel jew ta' l-Afrika u fil-kontinent Ewropew. Waqt li qed nikteb dan, qed jiġu quddiem għajnejja bosta minnkom, ħbieb ta' San Ġorġ tagħna.***

### Xi Aħbarijiet

■ Forsi ġa smajtu bit-telfa li l-Parroċċa tagħna sofriet meta Dun Ġużepp Grech, ħin bla waqt, ħalla dan il-wied ta' dmugħ. Ħafna minnkom l-emigranti tafuh għax għaddha bosta snin fl-Awstralja u fl-Istati Uniti. Kien ilu rtirat f'Għawdex xi 3 snin biss, imma kien sar preżenza apprezata ħafna fil-bażilika ta' San Ġorġ. Sarlu funeral sabieħ ħafna. Dwar dan tistgħu taqraw aktar fil-*homepage* il-ġdida tagħna.



■ Aħbar oħra tirrigwardja żjara unika li madwar elf saċerdot mid-dinja kollha għamlu fil-Bażilika ta' San Ġorġ, flimkien ma' għadd ta' kardinali u isqfijiet. Ilqgħajnihom mill-aħjar li stajna, kellimnihom, tajnihom *sourvenirs*, u offrejnielhom *refreshments*. Ilkoll stagħġbu bil-ġmiel ta' San Ġorġ u bil-Fidi Kattolikali jimmanifesta, u lkoll urewna l-apprezzament għal kif ilqgħajnihom. Barra minn dawn kellna żjarat minn diversi personalitajiet mill-oqsma tal-Knisja, tad-diplomazija u tal-kultura. It-turisti li jżuru lil San Ġorġ m'humiex ħafna, imma ġie li jħallulna messaġġi mill-aktar sbieħ fil-ktieb tal-viżitaturi.





■ Fix-xahar ta' Novembru wasal fostna, bħala donazzjoni għall-Bażilika ta' San Ġorġ, *pipe organ* tas-seklu 19, mill-Ingilterra. Ġew miegħu żewġ esperti Ingliżi sabiex jibnuh, u se jerġgħu jkunu fostna qrib il-Milied sabiex ikomplu x-xogħol. Min-naħa tagħna, aħna hejjejna l-post fejn tqiegħed u għamilnielu l-"kaxxa" ta' l-injam fuq skeletru tal-ħadid. L-ispejjeż tagħna kienu dawn kif ukoll it-trasport mill-Ingilterra u l-ospitalita' ta' l-Ingliżi li ħadmu għal kollox b'xejn. Id-donatur ewlieni hu Dr Richard Vendome, akkademiku minn Oxford, li issa ngħodduh mal-benefatturi l-kbar tagħna.

■ Ma rridx ninsa nżid ngħarrafkom fuq il-proġett il-kbir li nittamaw li ntemmuh din is-sena: l-*annexe* il-ġdid li jikkonsisti fiċ-Ċentru Parrokkjali mkabbar u rinnovat, il-bini

*Ikompli f'paġna 6*

# *Nawgurawlkom Milied Hieni u Sena mimlija Risq u Barka*

IL-BELT VICTORIA
Rivista ta' kull Xahrejn

Uffiċċju Editorjali: Ċentru Parrokkjali San Ġorġ
Triq il-Karità, Victoria, Għawdex.
Tel: 21 55 63 77 • Fax: 21 55 69 81
email: info@stgeorge.org.mt
web: www.stgeorge.org.mt • radio: 104MHz FM

## Membri Ġodda fil-Komunità Parrokkjali

18.07.04: **MATTHEW**,
iben Michael Cini u Simone nee' Cassar
24.10.04: **JULIA**,
bint Anthony Sciberras u Miriam nee' Camilleri
31.10.04: **JOAN VALERIE**,
bint Wyndham Albert Llewelyn u
Nesta Catherine Jenkins
06.11.04: **GUYNATH**,
bint Stephen Attard u Josianne nee' Dimech
07.11.04: **MATTHIAS PAUL**,
iben Daniel Mercieca u Carren nee' Attard

## Ingħaqdu fis-Sagrament taż-Żwieġ

25.09.04: **Charlie Attard** u **Marlene Attard**

## Marru Jingħaqdu ma' Kristu Rxuxtat

*03.10.04:* **Antonia Mizzi**
*06.10.04:* **Saviour Pace**
*11.11.04:* **Rev. Fr. Joseph Grech**
*25.11.04 :* **Dionisia Xuereb**
*27.11.04:* **Anthony Xuereb**

## Donazzjonijiet

**Frank Spiteri** (USA): Lm20
**Liberato Pace** (Malta): Lm5
**Anton Grech** (USA): 20 US$

## *NIFIRĦU*

■ Lil **TONY ZAMMIT,** membru tal-Kor 'Laudate Pueri' u kollaboratur fil-Parroċċa, li temm b'suċċess l-istudji universitarji tiegħu u akkwista *distinction* fl-eżami tal-*Masters* fix-Xjenza (Bioloġija).

■ Lil **CARMEL THEUMA**, mill-Parroċċa tagħna, li għadu kif ġie elett membru tal-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria.

■ Lil **CONCETTA BORG**, residenta fid-'Dar Sant'Anna', li għalqet 100 sena u ngħatu prosit lil qrabatha għall-quddiesa li organiżżawlha minn Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi u li għalija kien mistieden u kkonċelebra Mons. Arċipriet Ġużeppi Farrugia.

# Editorjal

## IL-MILIED

Ftit jiem ilu fl-Ewwel Ħadd ta' l-Avvent, bdejna Sena Liturġika oħra: is-Sena A, u b'hekk erġajna tajna bidu għal tlett snin oħra liturġiċi. Kif naħseb jaf kulħadd il-Knisja Kattolika għandha ċiklu ta' tlett snin, A, B u Ċ.

Iż-żmien ta' L-Avvent huwa żmien ta' preparazzjoni għall-festa tal-Milied. Suppost għalina għandu jkun żmien ta' riflessjoni serja, biex meta jasal il-jum tat-Twelid ta' Ġesu' inkunu denji li nilqugħ bil-ferħ. Filwaqt li nkomplu bil-ħidmiet tagħna hemm bżonn li naħsbu wkoll dan iż-żmien ser jgħaddi, u llum jew għada ser nitilqu minn din id-dinja. Għalhekk il-Knisja, matul l-Avvent, theġġiġna mhux biss biex nippreparaw rwieħna għat-tifkira solenni tat-twelid tal-Feddej, imma wkoll biex nippreparaw ruħna għal dik l-laqgħa li ser ikollna lkoll fi tmiem ħajjitna fuq din l-art.



Iżda llum dan iż-żmien ta' l-Avvent huwa pjuttost imfixkel mid-drawwiet li daħlu mal-medda tas-snin fis-soċjeta tagħna. Illum l-erba' ġimgħat ta' qabel il-Milied sar żmien ta' negozju sfrenat. Sar żmien li matulu qed naljenaw wisq rasna fit-tiżjin tad-djar tagħna. Sar żmien li matulu nkunu mifxulin fuq ix-xiri tar-rigali. Huwa għajb għalina jekk dan iż-żmien ta' l-Avvent ma neħduhx iktar bis-serjeta' u nagħtu kaz iktar tal-qari tal-quddiesa fil-Ħdud ta' matul dan iż-żmien. Huwa kollu sabiħ li nżejnu djarna għall-Milied u nagħmlu wkoll presepju, li qatt m'għandu jonqos fid-djar tagħna, imma huwa ferm iktar importanti li nifhmu eżattament xi jfisser l-Avvent.

Ma jistax jonqos li wieħed ma jsemmix l-importanza li bħala membri tal-komunita parrokkjali tagħna, li nattendu bi ħarġna għall-attivitajiet kollha li jsiru kemm matul l-Avvent kif ukoll fi żmien il-Milied. Is-sehem tagħna fil-parroċċa għandu jkun prijorita' jekk verament inħossu li nagħmlu parti minnha. Illum kulħadd ikun qed ikun jaf x'ser jiġri bil-ħinijiet b'kollox permezz tal-Bulettin tal-Ħadd li jitqassam regolarment. U hawn ma nistgħux ma nroddux ħajr lil dawk kollha, li kultant b'sagrifiċċju, jieħdu ħsieb it-tqassim tiegħu kull ġimgħa.

**Nixtieqilu lil kulħadd Milied hieni u qaddis u sena ġdida mimlija risq u barka.**

# ABBATINI U ĠENITURI F'RUMA

## *Il-Grupp tal-Vokazzjoni u l-Abbatini ta' San Ġorġ iżuru l-Belt Eterna*



*Mons Alfred Xuereb imexxi l-Konċelebrazzjoni fejn il-qabar ta' San Pietru.*

Grupp imdaqqas ta' Abbattini, kif ukoll membri tal-Grupp tal-Vokazzjonijiet tal-Bażilika tagħna, fl-aħħar jiem tax-xahar ta' Settembru ittieħdu minn Mons. Arċipriet Dr. Jos. Farrugia, akkumpanjat minn xi saċerdoti oħra, iżuru l-Belt ta' Ruma, kif ukoll xi bliet oħrajn. Kien hemm ukoll mal-grupp xi ġenituri tat-tfal li xtaqu huma wkoll japproffittaw irwieħhom minn din is-safra.

Il-Grupp kollu kien alloġġjat fis-Seminario Internazionale Papa Giovanni Paolo II, imiss eżatt mal-Knisja ta' Sant Andrea delle Valle, ftit passi boghod minn Pjazza Navona u postijiet oħra ta' interess. Din il-ħaġa għamlet iktar faċli biex wieħed, fil-ħin liberu li kien ikollna, stajna nżuru dawn il-postijiet.

**Fl-ewwel nofs ta' nhar morna nżuru Campo dei Fiori, il-Knisja ta' Santa Briġida, Lungo Tevere, Santa Maria in Trastevere, l-istess kwartier ta' Trastevere, bid-djar u r-restuaranti tipiċi tiegħu, San Francesco a Ripa, il-Bażilika ta' Santa Susanna kif ukoll il-Ghetto tal-Lhud.**

Wara ċ-ċena morna sa Piazza Novona, fejn ma naqsux li wieħed jduq il-ġelati rinomati ta' Giolitti, u Restauranti oħra.

L-għada irnexxielna ninżlu nqaddsu fuq il-qabar ta' San Pietru, bil-Bażilika tiegħu. Dan kien mertu ta' Mons. Alfred Xuereb, saċerdot mill-Parroċċa tagħna li jifforma parti mill-Camera Pontificia. Kien hu stess li dawwarna mal-Bażilika. Wara nofs in-nhar morna nżuru xaqliba oħra ta' Ruma. Dħalna fil-Chiesa del Gesu', fl-Ara Caeli, tlajna fuq il-Campidoglio, il-Knisja ta' San Mark, fi Pjazza Venezja, Via dei Fori Imperiali, Santa Maria Maggiore, u postijiet oħra.

Il-ġurnata ta' wara ddedikajnieha għall-żjara lill-Mużew tal-Vatikan, kif ukoll il-Cappella Sistina. Wara nofs in-nhar żorna l-Basilika ta' San Paolo fuori le Mura, it-Tre Fontane, Fosse Ardeatine, il-Katakombi ta' San Kallistu, u l-Knisja tal-Quo Vadis.

Il-Ġimgħa organizzajna ħarġa ta' ġurnata sħiħa biex morna nżuru l-Belt sabiħa ta' Assisi, fejn qaddisna fil-Knisja ddedikata lil San Franġisk. Żorna l-Knisja ta' Santa Chiara, u żorna wkoll il-Porziuncola. Wara l-ikel fid-Domus Pacis, tlaqna lura lejn Ruma, iżda qabel għaddejna sal-Belt ta' Orvieto, bit-toroq dojoq tagħha u bil-Kattidral il-ġmiel tiegħu.

In-nofs ta' nhar tas-Sibt fil-għodu kien dedikat għax-shopping. Fis-2.30pm tlaqna bil-coach lejn il-Belt ta' Tivoli, u inżilna naraw il-ġmiel li jsaħħrek ta' Villa d'Este. Inzertajna ukoll li s-Sindku ta' Ruma, mgħejjun mill-Għaqda ta' Negozjanti u Assoċċjazzjonijiet Kulturali organizza "La Notte Bianca". Din kienet tikkonsisti filli l-Pjazzez kollha prinċipali ta' Ruma kien hemm diversi Bands, u Gruppi ta' Kant, kif ukoll wirja ta' logħob tan-nar. Il-ħwienet baqgħu miftuħin sal-ħamsa ta' filgħodu u ħafna kellhom prezzijiet imnaqqsin għall-okkażjoni. Milli stajna naraw u minn dak li qalu l-aħbarijiet kien hemm madwar tliet miljun ruħ li nvadew lil Ruma f'dik il-lejla.



*Il-Grupp kollu li mar Ruma*

Il-Highlight taż-żjara tagħna kienet l-Udjenza li kellna mal-Papa Ġwanni Pawlu II fil-Castel Gandolfo. Ingħaqadna ma numru tassew kbir ta' pellegrini u kellna x-xorti li nsibu ruħna quddiem nett, ftit passi l-bogħod mill-palkett li fuqu tkellem il-Papa. Ħadd minna ma jista' jiddeskrivi l-ferħ li qabadna meta smajna lill-Papa jsellem lill-Grupp ta' l-Abbatini u tal-Vokazzjonijiet tal-Parroċċa ta' San Ġorġ tal-Belt Victoria. Huwa bagħat permezz tagħna l-Barka Pastorali tiegħu fuq is-saċerdoti, il-ġenituri, ż-żgħażagħ u t-tfal tal-parroċċa tagħna. Dan il-messaġġ deher l-għada fil-gazzetta uffiċċjali tal-Vatikan l'Osservatore Romano.

Wara morna Rocca di Papa għal ikla tassew tajba u fi triqtna lura lejn Ruma, għaddejna nżuru wieħed mis-saċerdoti tal-parroċċa tagħna Dun Tonio Galea, li qed jagħti s-servizz tiegħu lill-Parroċċa ta' Sant Injazju ta'Antijokja. Flimkien mal-Kappillan tiegħu, Mons. Giuseppe Attard (minn Nadur) u Dun Joseph Farrugia (mill-Għarb) dawwarna mal-Knisja u mal-kumplessi kollha tad-dar parrokkjali.

Wara morna nżuru l-Arċibażilika ta' San Giovanni in Laterano , il-Knisja Omm u l-Kap tal-Knejjes kollha tad-dinja u li magħha il-Kapitlu tagħna huwa affiljat. Żorna fl-aħħarnett il-Bażilika ta' San Giorgio al Velabro, fejn għal darba oħra stajna ninvistaw ir-Ras ta' San Ġorġ li s-sena l-oħra kienet inġiebet fil-Parroċċa tagħna fl-okkażjoni tas-Sbatax-il mitt sena mill-martirju ta' San Ġorġ..

L-Għada t-Tnejn, għajjenin u kuntenti b'dak kollu li rajna u żorna, qbadna lura l-Coach li wasslitna l-Airport ta' Fiumicino, fejn qbadna l-ajruplan tal-Airmalta lejn Malta.

Dawn kienu ġranet li ma ninsewhom qatt u ma joħorġu qatt la minn moħħna u lanqas minn qalbna.

# RWIEFEN

***Ġabra ta' poeżiji tal-Kanonku Joe Mejlak***

reċensjoni ta' Carm Cachia




## Daħla

Il-poeta hu bniedem li jingħażel mill-bnedmin l-oħra u qiegħed fi klassi għalih. Hu bniedem li jaf jesprimi dak li l-kotra tħoss u jidħak meta din tidħak u jibki meta din tibki. Hu bniedem sensittiv għall-iċkien xejriet ta' ħsus il-folla. Hu tarbija li mhix kapaċi turi wiċċ b'ieħor. Hu adult li kapaċi jaqsam ma' ħaddieħor id-dwejjaq ta' ħaddieħor, il-problemi tas-soċjetà.

Madankollu, flimkien mal-problemi tas-soċjetà. Il-poeta jrid jerfa' wkoll il-problemi tiegħu personali li jinġabru wara biebu matul ħajtu. Dawn il-problemi hu jħosshom tqal ħafna u intimi wisq biex jitkellem dwarhom bil-miftuħ fit-taħdit tiegħu ta' kuljum ma' dawk ta' madwaru. Hu jħoss li ma jistax jesprimihom ma' ħaddieħor f'diskors komuni, u għalhekk jagħżel li jinqeda bil-poeżija biex iwassal ħsibijietu.

## Il-Poeta Joe Mejlak

Dan li għedna hawn fuq jgħodd għall-poeta Għawdxi, Joe Mejlak għax il-poeżija li kiteb hi mera ta' ħajtu. Infatti, ma nkunux niżbaljaw jekk ngħidu li l-personalità tal-poeta toħroġ mill-poeżiji kollha li kiteb. Madankollu, l-aktar li l-qarrej isir jaf lill-poeta mill-qrib hu minn dawk li jitkellmu direttament dwaru. Fost dawn ta' l-aħħar ta' min isemmi l-poeżiji **Post Mortem**, **Tempus Fugit** u **Qed jidlam**.

Id-dehra li toħroġ minn poeżiji ta' din l-għamla hi dik ta' bniedem mimli tbatija mentali. Din it-tbatija taffettwalu l-mod ta' għajxien tiegħu tant li ma niżbaljawx jekk ngħidu li Mejlak hu bniedem imħasseb mill-problemi umani, mhux biss dawk personali li qiegħed iġorr fuq spallejh u li huma tqal daqs l-eħrex salib, imma wkoll dawk tas-soċjetà li jinsab imdawwar biha. Għalhekk Mejlak jidher bħala bniedem fuq vjaġġ qalil mimli telgħat weqfin. Dan il-vjaġġ jintemm biss bil-mewt. Minħabba f'hekk, il-ħajja tiegħu tinbidel f'agunija kontinwa li ssemma leħinha minn bejn il-versi tal-poeżiji tiegħu. Hekk insibu, ngħidu aħna, fil-poeżija **Quotidie Morior** fejn niltaqgħu mal-poeta li jħossu qiegħed imut kuljum. L-istess ħsieb ikompli jimraħ fil-poeżiji **Rwiefen** u **Twelid**. F'dawn il-poeżiji l-pessimiżmu ta' Mejlak jilħaq livell għoli tant li donnu li għall-poeta l-ħajja tinbidel f'lejl li ma jintemm qatt, bħallikieku m'hemm xejn li jhenni jew li jserraħ ruħ il-poeta.

Kultant, madankollu, il-pessimiżmu li jħoss f'qalbu Mejlak ibatti xi ftit u wieħed jasal biex jgħid li jidher ħjiel żgħir ta' ottimiżmu wkoll. Hekk naraw, ngħidu aħna, fil-poeżiji **Lil Ħuti** u **Għada Jisbaħ Ukoll**. Għalhekk, mill-pessimiżmu li jispikka f'dawn ix-xogħlijiet u f'oħrajn simili, jitfaċċa wkoll l-aspett tat-tama, il-lat pożittiv. Infatti, għalkemm fil-poeżiji li semmejna hemm sens qawwi ta' qtigħ il-qalb, dan il-qtigħ il-qalb hu marbut mal-ħajja ta' din id-dinja. Dan għaliex anke f'poeżiji mill-aktar negattivi, bħal **Rwiefen**, il-poeta jagħraf isib it-tama fil-ħajja ta' wara l-mewt. Għal Mejlak il-ħajja ma tiqafx mal-mewt. Hija t-tbatija li tintemm waqt li l-ħajja tkompli, għalkemm f'dimensjoni oħra. Din il-fidi f'Alla u fil-ħajja ta' wara l-mewt hi l-musbieħ li juri t-triq fid-dalma tal-lejl.

## Il-Kritika tas-Soċjetà

Ħafna drabi l-poeżija tipprova turi dak li jkun iseħħ fl-istess soċjetà, imma fl-istess ħin għandha tendenza li dan tagħmlu bil-lingwaġġ metaforiku. B'diskors bħal dan, il-poeta, l-aktar dak modern, iħares lejn id-dinja ta' madwaru u jitkellem dwarha, u f'kitbietu jiddiskuti u jikkummenta fuq temi soċjali li jinkwetawh, Għalhekk fil-poeżiji tiegħu hu wkoll ġieli jieħu l-irwol tal-kritiku tas-soċjetà. F'dawn il-poeżiji hu jattakka dawk l-aspetti tal-ħajja moderna li hu jħoss li qegħdin jherru l-fibra morali tas-soċjetà li hu jagħmel parti minnha.

Kultant Mejlak jikkritikaha tant bl-aħrax li fil-poeżija **Ħanex** hu jqabbel lill-bniedem modern ma' bugħarwien li jgħaddi ħajtu fit-tajn u fid-dlam u li bl-ebda mod ma jrid jibdel l-isti ta' ħajja li qiegħed jgħix. L-istess ħsieb jidher fil-poeżija **Dinja 2004**. Hawn Mejlak jagħti ħarsa poetika lejn ir-realtajiet negattivi tal-ħajja moderna, kemm jekk lokali u kemm jekk internazzjonali. Hu jasal għall-

konklużjoni li l-bniedem hu l-uniku sors u kawża ta' dan il-ħafna ħażen li hawn madwarna. Imbagħad, fil-poeżija **Ipokrezija**, Mejlak jikkritika l-ipokrezija li l-bniedem ta' sikwit juri lejn ħuh.

## L-Aspett Romantiku

Minkejja li f'din il-ġabra ta' poeżiji, Mejlak aktar jidher bħala poeta realistiku-modern milli tradizzjonali-romantiku, il-vena romantika fil-poeżiji tiegħu titfaċċa kull tant u tant. F'dawn il-poeżiji, Mejlak juri sens qawwi ta' nostalġija lejn il-passat remot li, għalkemm kien sabiħ ħafna, kien qasir wisq. Issa ntemm darba għal dejjem u f'qalb il-poeta ħalla bħal vojt li mhux la kemm jimtela. Dan l-aspett romantiku-nostalġiku ħafna drabi jittratta aspetti mill-ħajja żagħżugħa, aktarx personali, tal-poeta. Infatti f'dawn il-mumenti, bħal ma jidher fil-poeżija **Lil Saverina**, Mejlak jitbekka t-tfulija hienja f'dar ommu u l-logħob ta' tfulitu, Imbagħad, f'poeżiji bħal **Fittixtek**, **Tfajla tal-Wied**, **Lill-Qamar** u **Fjura**, hu jitbekka wkoll il-mumenti sentimentali ta' l-ewwel imħabba żagħżugħa li sqietu ftit pjaċir u tant imrar, qabel ma qabad it-triq tas-saċerdozju..

## It-Tema Reliġjuża

Ma nistgħux nitkellmu dwar il-poeżija ta' Mejlak mingħajr ma nsemmu l-aspett reliġjuż li jispikka fil-versi tiegħu. Il-poeżija b'tema reliġjuża tista' tinġabar taħt diversi aspetti. L-aktar importanti huma dawk fejn il-poeta juża l-poeżija biex jiftaħ qalbu mal-Mulej. F'poeżiji bħal **Waħdi Miegħek**, **Laqgħa** u **Dulcis in Fundo**, il-poeta jiddjaloga mal-Mulej u juri sens qawwi ta' fidi u tama fil-ħajja ta' wara l-mewt. Għalhekk nistgħu ngħidu li f'Mejlak hemm it-tiftixa kontinwa għal Alla għaliex il-poeta jaf li mingħajr il-Mulej, xejn ma jibqa' jagħmel sens.

Qabel nagħlaq din il-ħarsa lejn il-poeżija tal-Kanonku Joe Mejlak ma nistax ma nsemmix l-imħabba li hu għandu lejn il-qaddis patrun tiegħu San Ġorġ Martri. Għal dan il-qaddis, il-poeta ddedika għadd kbir ta' poeżiji li wħud minnhom saru popolari minħabba li jitkantaw bħala marċijiet waqt il-festa titulari u f'okkażjonijiet oħra. Imma f'din l-antoloġija Mejlak jinkludi tnejn, **Ġorġi Aniċi** u **Twelid Ġdid**. Din ta' l-aħħar turi b'mod ċar kemm il-poeta għandu fidi fl-interċessjoni ta' dan il-qaddis megalomartri, għaliex skond hu, kien San Ġorġ li intervjena għalih biex reġa' ħa saħħtu mill-ġdid wara l-aħħar marda qalila li ħakmitu.

## Għeluq

F'din l-antoloġija ta' poeżiji, il-qarrej isir jaf lil Mejlak kemm bħala bniedem kif ukoll bħala poeta. F'kitbietu, Mejlak jimraħ fl-intimu tal-persuna tiegħu. Il-qarrej jakkompanjah f'dan il-vjaġġ intern li l-poeta jagħmel biex jifhem il-għaliex ta' ħafna minn ħsibijietu, xewqatu u l-emozzjonijiet tiegħu.

# NOVENA TAL-MILIED GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

**L-Ewwel Jum - Jum is-Silenzju**
Hejji għall-miġja tal-Mulej billi tipprova tnaqqas mill-paroli żejda. Offri dan is-sagrifiċċju għall-ġid spiritwali tat-tfal u ż-żgħażagħ. ***Mulej Ġesu' Berikna lkoll.***

**It-Tieni Jum - Jum il-Ħniena**
Kun qalbek tajba ma kulħadd-ġenituri, għalliema, ħbieb. Agħmel azzjonijiet tajba kemm tista'. Offriħom għall-Papa, għas-saċerdoti u biex ikun hawn iktar vokazzjonijiet. ***Ikun imfakkar il-Mulej.***

**It-Tielet Jum - Jum id-Dmir**
Aqdi dmirek mill-aħjar li tista', waqt li bil-qalb toffri kull sagrifiċċju f'dan il-qadi ta' dmirek u toffrih għall-koverżjoni tal-midimbin. ***Ġesù, Marija, inħobbkom, salvaw l-erwieħ.***

**Ir-Raba' Jum - Jum is-Safa**
Oqgħod attent li tgħix safi, għax is-safa togħġob ħafna lil Ġesu' u 'l Marija. Mur qerr qrara tajba u itlob għall-konverżjonmi taż-żgħażagħ li tbiegħdu mit-triq it-tajba. ***Ġesù inħobbok, tiġi saltnatek.***

**Il-Ħames Jum - Jum it-Talb**
Ħu sehem fil-quddiesa u tqarben, u offri t-talb tiegħek għal dawk li qiegħdin ibatu għall-fidi tagħhom. ***Qalb ħelwa ta' Ġesù, kebbes fija in-nar ta' mħabbtek.***

**Is-Sitt Jum - Jum is-Sagrifiċċju**
Għall-imħabba ta' Alla u tal-handikappati kollha, kul mingħajr ma tgerger l-ikel li tħejjilek ommok. X'taħseb kieku llum tiċċaħħad milli tara t-television! ***O Mulej li tajt ħajtek għalija, agħtini rieda qawwija biex nagħmel xi sagrifiċċji żgħar.***

**Is-Seba' Jum - Jum l-Ubbidjenza**
Qis li llum ikun jum sabiħ: obdi b'mod speċjali lill-ġenituri tiegħek u lil min hu fuqek. Offri t-talb li tagħmel illum, għall-familja tiegħek, għal min hu superjur tiegħek u għall-benefatturi. ***Ġesù, Marija, Ġużeppi, noffrilkom qalbi u ruħi.***

**It-Tmien Jum - Jum il-Maħfra**
Mill-qalb u bis-sinċerita' aħfer lil dawk li offendewk, kemm ftit u kemm dawk li offendewk ħafna. ***O Ġesù ħelu, agħmel li qalbi tkun tixbaħ lil tiegħek.***

**Id-Disa' Jum - Jum il-Ferħ**
Iżżiħjar lil Ġesu' talli ġie fid-dinja biex jifdina. Sellem bil-qalb lil kull min tiltaqa' miegħu. Offri l-ferħ tiegħek għall-ġid tar-ruħ u tal-ġisem ta' l-iltiema abbandunati. ***Ġesù tarbija, jien nadurak, nirringrazzjak, inħobbok.***

*Jaqbad mill-paġna ta' quddiem*

## *Messaġġ ta' l-Arċipriet*

tad-Dar bħala Residenza għas-Saċerdoti li jkunu għas-servizz tal-Parroċċa u l-bini tal-Kappella Biżantina li se tospita x-xbiha devota tas-Santissimu Kurċifiss u t-Tabernaklu Mqaddes u se tkun post ta' talb quddiem Ġesù Sagramentat.

■ Il-Parroċċa qed thoss ħafna l-bżonn ta' karozza li tkun għas-servizz ta' l-abbatini (li kulltant ħaqqhom xi ħarġa!), taż-żgħażagħ u ta' l-anzjani tagħna (inklużi dawk li qegħdin f'Tax-Xjuħ) li jkunu jixtiequ jiġu l-knisja għal xi okkażjoni speċjali. Nafu li bħalissa ninsabu mgħobbija bi spejjeż kbar imma l-ħtiġijiet pastorali jieħdu l-preċedenza. Nafdaw fil-providenza t'Alla!

### *Homepage* Ġdida

Hu ta' pjaċir li ngħarrafkom li issa għandna *homepage* ġdida li tistgħu ssibuha f'dan l-indirizz: **www.stgeorge.org.mt**

Nieħu din l-okkażjoni sabiex nirringrazzja lill-kollaboraturi tagħna li kienu taw bidu għall-*homepages* oriġinali tal-Bażilika, jiġifieri Mrs Lina Gauci u, mbagħad, is-Sur Joseph Attard. Meta avviċinajthom dawn taw il-kollaborazzjoni sħiħa tagħhom u, jiena ċert, li jissoktaw jagħtuha.

Il-problema hi dejjem l-"updating" tagħha. Nittamaw li bil-kollaborazzjoni tagħna lkoll, minn ġo djarna jew mill-Uffiċċju Parrokkjali ta' San Ġorġ, jirnexxielna nżommnu din il-*hopepage* ġdida aġġornata regolarment u interessanti dejjem.

Jekk intom, il-qarrejja tagħna, tistgħu tagħtu xi kontribut, jekk jogħġobkom, għidulna. Napprezzaw kull kontribut li jista' jiswa biex inkabbru l-kuntatti ta' bejnietna. Nittama li ssibuha interessanti.

### Il-Milied u s-Sena l-Ġdida

Is-sena l-ġdida għandha tkun sena ta' tifkiriet speċjali. Dawn jinkludu l-250 sena mill-konsagrazzjoni tal-knisja, 77 sena wara li kienet inbniet mill-ġdid u tbierket fir-radd-il ħajr lil San Ġorġ li kien ħeles lill-Għawdxin minn epidemija qerrieda.

Is-sena l-ġdida se tkun ċertament sena ta' żviluppi fil-Parroċċa tagħna bit-temma ta' diversi proġetti li għandna f'idejna u l-bidu ta' oħrajn, ilkoll ta' natura pastorali u kultura katekistika.

Is-sena l-ġdida għandha tkun għalhekk sena ta' tamiet ġodda fil-ħajja tagħna għax se ġġib magħha sejħa oħa għal tisħiħ fir-rabtiet tagħna ma' Ġesù, għal maturità akbar fil-Fidi Kattolika tagħna u għal impenn aktar awtentiku fl-appostolat parrokkjali.

Din hi l-aħħar ħarġa għas-sena 2004.Għalhekk nieħu l-okkażjoni sabiex nixteqilkom tmiem sabieħ għal din is-sena. **F'isem il-Kapitlu, il-Kleru u l-kollaboraturi fil-Parroċċa nixteqilkom ukoll: Milied hieni fil-Mulej u Sena Ġdida fil-barka dejjiema tiegħu.**

## *IL-ĠRAJJA TAL-MILIED*

Intom tafu, ja ħbieb tiegħi,
sew tal-bogħod u kemm tal-qrib,
illi fostna reġa' magħna
il-Milied ta' l-aqwa Sid.

Iva ħbieb, il-ħolqien kollu
qiegħed jifraħ bit-twelid
ta' Ġesu' ċkejken tarbija-
għajn ta' mħabba, għana, ġid.

Biex jifdina u jsalvana
Il-Bambin twieled fil-faqar
ġo benniena, fuq ftit tiben,
xejn ma kellu biex jinsatar.

Il-lejl kien kiesaħ u xitwi,
ma kont tilmaħ l-ebda ruħ-
ċappa dlam taqtgħu b'sikkina
il-ħolqien, sieket, mitruħ.

Ħin bla waqt, qtajja' ta' l-anġli
dawlet, xegħlet lis-smewwiet;
f'tebqa t'għajn il-ħajja stejqret,
l-arja bl-għana dlonk imtliet.

Aħbar tajba lill-qlub kebbset:
"F'Betlem twieled il-Bambin.
Ejjew lilu nagħtu qima,
Għaġġlu fis, titilfux ħin!



Ġewwa stalla lilu ssibu:
araw ftit l-għaġeb li sar-
tifel ċkejken fil-bard rieżaħ,
lilu jsaħħnu baqra w ħmar"

Għarkubbtejhom hemm ir-ragħajja
Sabiex lilu jadurawh.
Tfaċċaw dlonk is-Slaten Maġi-
Deheb, inċens u mirra tawh.

Bambin ċkejken, aħna wliedek
f'dan il-jum x'sejrin nagħtuk!
Qalbna tfawwar kollha mħabba,
tiegħek nibqgħu, inwiegħduk.

Ejja twieled ġewwa djarna,
itfa' l-ankri, toħroġ qatt;
irriduk li tgħammar f'qalbna,
ma jifridna minnek ħadd!

Keċċi l-gwerer, nessi l-firda
li qegħdin ifarrku 'l-ġnus;
Milied, 'tina, t'hena w paċi,
o Bambin ħelu w gustus!

*Kav. Joe M. Attard*
*Diċembru 2004*

# Rokna tat-Tfal

Kif intom! Nittama li tinsabu tajbin. Sa ma tasal f'idejkom din il-harġa, nahseb li nkunu bilmod resqin lejn il-festi sbieh u gheżież tal-Milied, festi li żgur tkunu ilkom tistennewhom.

Ghadna kemm hriġna mix-xahar ta' Novembru, ix-xahar ta' l-Erwieh, u jiena ċert li matul dak ix-xahar sibtu xi ftit hin biex Iżżuru xi ċimiterju u titolbu ghall-erwieh. Naturalment, ghall-erwieh ma nitolbux biss matul Novembru, iżda s-sena kollha, ghaliex dawn hutna jehtieġu kontinwament it-talb taghna, ghaliex ma jistghux jitolbu ghalihom infushom, iżda jiddependu fuq it-talb taghna. Wara kollox kif jghid il-qawl: "*one good turn deserves another*": "kull qalb trid ohra", u jekk ahna nirrikorru lejn l-erwieh tal-pugatorju biex jidhlu ghalina quddiem Alla, minn naha taghna ahna fid-dmir li nissufragawhom bit-talb taghna.

Diċembru jibda bil-festa tal-Kunċizzjoni li titfakkar bil-pompa kollha fil-belt taghna ghand il-Patrijiet Franġiskani bis-sehem tal-Banda "La Stella", u fis-Santwarju qadim tal-Qala fejn illum hemm ukoll banda ġdida "Ite Ad Joseph" li jiehu hsiebha Michel Refalo, li huwa wiehed mill-bandisti habrieka taghna.

Kif tghaddi l-Kunċizzjoni harsitna tmur mill-ewwel fuq il-ġraja tat-twelid ta' Ġesu' Bambin. Min ma jiehux gost bil-Milied! Kemm ghandu frawwiet sbieh marbuta mieghu! Bla dubju jiena nheġġiġkom biex ma tonqsux li tattendu ghan-Novena tal-Milied li fil-parroċċa taghna ssir wahda apposta ghalikom. Din hija tassew it-thejjija ghall-festa tal-Milied. Inkella l-Milied ikun ġie ghalxejn. Il-veru ferh tal-Milied ma nsibuhx fl-ikliet u l-ġiri u x-xiri tar-rigali, imma fil-ġabra tal-familja quddiem il-presepju, fil-quddiesa ta' nofs il-lejl, fil-purċissjoni tal-Bambin u matul l-funzjonijiet sbieh li jsiru fil-knisja.

Irrid infakkarkom biex ma thallux il-milied jghaddi bla ma taghmlu presepju, ghax dan huwa l-qofol ta' dawn il-festi kollha. Sewwa wkoll li żżejnu darkom u tixghelu l-Christmass Tree, Iżda qabel dawn kollha tiġl l-grotta tal-Milied. Dan hu l-iskop li ghalih twaqqfet f'Ghawdex l-"Ghaqda Hbieb tal-Presepju". Dawn il-ġranet morru araw l-wirja tal-presepji li ssibu fis-swali tal-Ministeru ghal Ghawdex kif ukoll fil-post ta' din l-ghaqda taht il-Kurja ta' l-Isqof.

B'hekk żgur li jkollkom Milied hieni li jfawwar lil qlubkom b'ferh mhux tas-soltu. Nahseb li hafna minnkom jinsabu fuq ix-xwiek biex jaraw x'sa jġibilhom il-Bambin fil-lejl tal-Milied.

Intant, jien sa nieqaf hawn. Nixteqilkom minn qiegh qalbi Milied hieni u qaddis li jimla lil djarkom b'ferh ġenwin u sinċier li ma taghtihx id-dinja.

U issa niġu ghall-kompetizxzjoni. Billi ninsabu fil-ġranet tal-Milied, tridu tibghatulna "Poeżija tal-Milied" miktuba minn min kien kien, bla żbalji. L-isbah poeżija fil-fehma tal-ġurija tirbah ktieb sabieh bil-Malti moghti mill-Klabb Kotba Maltin. Ibghatu t-tweġiba taghkom lill-***Editur, "Il-Belt Victoria", Ċentru Parrokkjali San Ġorġ, Victoria, Ghawdex***, sa mhux iktar tard mis-***Sibt 8 ta' Jannar 2005.***

*Iz-Zijiu Peppi*

Ir-rebbieha tal-kompetizzjoni ta' l-ahhar harġa hija ***Maria Pisani, 11, Triq Sir Arturo Mercieca, Victoria.*** Il-Premju jinġabar mill-Uffiċċju Parrokkjali.

## KUNCERT MILL-ALJIEVI TAL-BANDA CITTADINA 'LA STELLA'

Kuncert iehor, din id-darba mhux fuq skala daqstant kbira, sar nhar is-Sibt 4 ta' Dicembru 2004 bis-sehem ta' l-Aljievi tal-Banda Cittadina La Stella.

Sitt principjanti fuq il-klarinett, George Agius, Matthew Borg, Christopher Portelli, George M. Said, Francis Borg u Calvin Camilleri, paxxew udjenza numeruza li mliet is-Sala Giuseppe Giardini Vella fil-Kazin bid-daqq ta' diversi siltiet muzikali, mill-aktar popolari. Minkejja li hafna minnhom ghadhom fuq l-ewwel targa tal-karriera muzikali taghhom, dawn iz-zghazagh dehru ferm konfidenti u mharrga tajjeb fuq l-istrument biex ipprovdew serata mill-aktar pjacevoli u divertenti. Is-sitt bandisti daqqew solo akkumpanjati minn orkestra rekordjata, kuncett gdid ta' taghlim li gie ntrodott fi gziritna proprju permezz tas-Soc. Fil. La Stella.




F'kelmtejn li ghamel fi tmiem il-Kuncert, is-sur Dolindo Cassar, President tas-Socjeta', fahhar l-isforz qalbieni ta' dawn iz-zghazagh ghall-impenn u d-dedikazzjoni taghhom fit-taghlim tal-muzika. Huwa rringrazzja b'mod partikolari lil Mro Noel Beck, li ghandu f'idejh it-taghlim ta' l-aljievi tal-klarinett u strumenti ohra tal-qasba, kif ukoll lill-assistenti tieghu George Apap u Michael Said ghall-isforzi li qed jaghmlu biex jipperfezzjonaw dawn il-bandisti principjanti fuq l-istrument taghhom.

Ipprezenta l-programm George Apap. Is-serata ghalqet b'riceviment ghall-aljievi u l-familjari taghhom flimkien mal-bandisti u l-membri tal-Kumitat.

# Kuncert Sinfoniku mill-Banda Cittadina *La Stella*



Nhar il-Hadd 7 ta' Novembru 2004 il-Banda Cittadina *La Stella* gabet fit-tmiem il-Festival *Mediterranea,* organizzat ghat-tielet darba mis-Socjeta' Filarmonika *La Stella*, b'Kuncert Sinfoniku fil-Bazilika ta' San Ġorġ Martri fil-qalba tal-Belt Victoria. Dan il-kuncert, li kien patronizzat mill-oghla awtoritajiet civili u religjuzi tal-Belt u tal-Gzira Ghawdxija u minn ghadd kbir ta' soci u ammiraturi lokali u barranin, sar fil-Bazilika peress li x-xoghol intensiv ta' restawr ghadu ghaddej fis-sala tat-*Teatru Astra*, li bhal daz-zmien sena sofriet hsarat estensivi kawza ta' nirien li hakmu fin-naha ta' quddiem tas-sala. Huwa ttamat li ix-xoghol ikun lest fi zmien qasir sabiex l-attivita' teatrali tkun tista' tissokta ghall-beneficcju tal-kultura ta' kalibru fi gziritna.

Il-programm fetah b'xoghol interessanti hafna u daqstant iehor impenjattiv ta' Harry Simeone. Din il-kompozizzjoni *Impressions of Seville*, ta' natura kwazi-impressjonistika, tiddeskrivi b'mod mill-aktar delikat, din il-belt famuza Spanjola minn angoli u perspettivi personali. L-awtur huwa nnifsu l-medjazzjoni artistika u kreattiva tas-seher ta' din il-belt, li isimha hu sinonimu mal-karattru passjonali u imprevedibbli ta' Spanja. Hargu effettivi hafna r-ritmu kostanti u ostinat tal-*flamenco* u t-tempi vibranti tal-*malaguena* u l-*habanera*.

Wara din is-silta mpanqla, il-Banda ghaddiet ghal kompozizzjoni ta' l-Asst. Surmast taghha, Mro Sunny Galea. Din is-silta *Sarabanda*, kif jixhed isimha, hija danza b'ritmu meqjus u ta' xejra formali bi struttura ritmika mibnija fuq metru tripliku, li normalment l-accent jaqa' fuq it-tieni kwart. Din il-kompozizzjoni hija fidila lejn il-forma propja tad-danza, u hija karaterizzata mill-uzu tal-kromi. Il-Banda tat interpretazzjoni stilistikament perfetta, u seta' jitgawda t-timbru inkonfondibbli taghha: morbidezza u omogeneita' tal-hoss.

Minn din is-silta, il-Banda ghaddiet ghal kompozizzjoni ohra kuntrastanti, *l'Arlesienne Suite* ta' G. Bizet. Ghalkemm din il-kompozizzjoni ma kienetx intlaqghet tajjeb l-ewwel darba li giet esegwita, is-sbuhija taghha f'qasir zmien stabbilietha bhala wahda mill-kompozizzjnoiet favoriti fil-kuncerti li jsiru kullimkien. Din is-silta, li hija karaterrizata minn heffa, delikatezza u emozzjonijiet kwazi f'konflitt ma' xulxin, hija sfida kbira kemm fuq livell tekniku kif ukoll fuq livell interprettativ, kemm ghal kumpless bandistiku kif ukoll ghas-sezzjonijiet individwali u ghas-solisti, li f'dan il-kaz kienu George Camilleri (Flawt in Do), Michel Refalo (Trumpet), Christian Abela (Flicorn Sopran) u Francis Borg (Clrinet in Eb). Dan ta' l-ahhar propju ghamel id-debut tieghu bhala solist f'din l-okkazjoni. Is-surmast, Prof. Joseph Vella, zamm temp haj u inkalzanti, u ghalhekk harget it-tensjoni dejjem iktar tintensifika ruhha, li waslet ghal-*finale* tassew eccitanti. Kienet interpretazzjoni li inkurunat bi kbir d-dedikazzjoni tal-Banda u wriet il-maestrija singolari taghha, li dejjem iddistingwietha matul l-istorja glorjuza taghha.

Is-silta li segwiet ma ghamlitx ghajb lil ta' qabilha ghal-kumplessita' u d-diffikulta' li tipprezenta. Din kienet *Selection* mill-*Faust* ta' C. Gunoud. Din il-kompozizzjoni tixhed ghall-intensita' tremenda u hija meqjusa bhala kapolavur kbir ta' dimensjonijiet epici. F'dan l-arrangament, wiehed seta' jammira u jiggosta whud mill-isbah bicciet bhalma huma romanzi, duetti, *ensembles* u siltiet korali li jiffurmaw din l-opra maestuza. Ghal darb'ohra l-Banda laqghet l-isfida ta' dan ix-xoghol monumentali u harget bl-unuri kollha. Wiehed ma jistax ma jfahharx is-sbuhija tat-timbru tas-sezzjoni tar-ram, li minkejja li maz-zmien jitbiddlu l-istrumentalisti pero' i-timbru specjali ma jinbidilx, kif intwera car fis-solisti Anton Sacco (Euphonium), Franky Camilleri (Althorn) u Christian Abela (Flicorn sopran). Daqstant iehor hargu sbieh, artikolati u precizi l-klarinetti, li jixhdu ghal impenn li jawgura tajjeb hafna ghal futur mill-aqwa tal-Banda.

Wara dan ix-xoghol magistralil l-Banda qalbet ghal xoghol kontemporanju u effettiv ferm : *Music from the Gladuator* ta' H. Zimmer b'arrangament ta' J. Watson. Din il-kompozizzjoni grandjuza ghandha bhala ghan taghha li tesprimi s-sitwazzjoni li tkun tizvolgi fuq li *screen* u ghaldaqstant hija mmirata li tohloq effett qawwi u ko-involgenti fl-ispettatur. F'dan ir-rigward din il-kompozizzjoni hija tassew effettiva u drammatika. Il-mod kif il-banda holqot atmosfera, li iktar ma beda jghaddi l-hin iktar kompliet tintensifika ruhha, kien xi haga verament eccellenti. Wiehed seta' facilment jimmagina l-konflitt qawwi personali bejn il-protagonisti, li jigi trasportat fuq skala universali, waqt li kien qieghed jisma' dak il-gmiel ta' melodija li tibda kwazi mill-qiegh mis-sezzjoni tar-ram u tkompli zzid sakemm letteralment tisplodi f'*finale* ta' qawwa mpressjonanti. Wiehed ma jistax ma jinnotax il-kontribut eccellenti li tat is-sezzjoni tal-perkussjoni, li rat impenjati l-istrumentalisti kollha li jiffurmawha.

L-ahhar silta li giet interpretata kienet il-komposizzjoni difficli, kumplessa u kkulurita ferm: *Der Freischutz* ta' C. M. von Weber. Dan il-kompozitur ta' xejra romantika kien jimpurtah hafna minn *spektrum* wiesa' ferm ta' kulur tonali u ghaldaqstant il-kompozizzjoniet tieghu jipprezentaw sfidi kbar fejn tidhol interpretazzjoni konvincenti. Din hija kompozizzjoni li tista' bir-ragun kollu tissejjah intima u personali, ghalkemm hi ta' natura estensiva. Il-melodija sabiha u nieqsa minn fjoritura zejda, li hija ntrodotta mill-kornu, tghaddi ghas-sezzjoniet diversi u kull darba tesigi trattament sensittiv tonali differenti. Wiehed seta' jinnota l-preparazzjoni metikoluza tal-Banda li rrispondiet puntwalment ghad-direzzjoni preciza u artikolata, li hija sinonima mas-Surmast Joseph Vella, u r-rizultat kien wiehed konvincenti hafna.

Dan il-kuncert gie fi tmiemu bl-ezekuzzjoni ta' l-*Inno La Stella* ta' ex-Surmast Giuseppe Giardini Vella, l-*Innu lil Ghawdex* u l-Innu Nazzjonali. Kien kuncert varjat, ta' kalibru gholi u ta' unur ghas-solisti, ghall-Banda, ghas-Surmast Direttur Joseph Vella u ghas-Socjeta' Filarmonika *La Stella.*